# FIL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum il-15 ta' Settembru 2022**

Appell numru 266/2019

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Annabelle CAMILLERI**

Il-Qorti rat is-segwenti :

**A. L-EĊĊEZZJONI TAN-NULLITA – nuqqas ta' osservanza tar-rekwiżiti kkontemplati fl-Artikolu 392A tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.**

1. Din hija sentenza preliminari fir-rigward tal-preġudizzjali tan-nullita' tas-sentenza appellata sollevata mill-appellanta CAMILLERI fl-ewwel aggravju tar-rikors ta' appell tagħha.

2. L-appellanta tilmenta li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) naqset milli timxi skupolażament mad-dettami tal-Artikolu 392A(1) tal-Kodiċi Kriminali, li jirrikjedi **ad validitatem** li l-Qorti li tkun sejra tgħaddi għas-sentenza kontra l-imputat wara li dan ikun hekk irreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu, tosserva ċertu formalitajiet qabel ma effettivament tgħaddi għas-sentenza. Dan l-artikolu jgħid hekk:

> (1) Jekk l-akkużat, bi tweġiba għall-mistoqsija fl-artikolu 392(1)(b) u fi kwalunkwe stadju tal-proċeduri, jistqarr li hu ħati tar-reat li bih ikun akkużat u l-imsemmi reat ikun suġġett għal piena ta' mhux aktar minn tnax-il sena priġunerija, **il-qorti twissih b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba, u tagħtih ftit taż-żmien biex jerġa' lura minnha**.[1]

3. Meta imputat ikun irreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet miġjuba kontrih, il-Qorti tal-Maġistrati ma tistax tgħaddi minnufih għas-sentenza iżda jeħtieġ illi tagħtih ftit taż-żmien sabiex iqis dik id-deċiżjoni li jkun għadu kemm ħa. Dan il-perjodu ta' żmien, mhux imsemmi mill-Liġi kemm irid ikun twil, iżda żgur li jrid ikun wieħed raġonevoli, irid jingħata dejjem u fi kwalunkwe każ t'ammissjoni. Anzi ċerta ġurisprudenza daħlet ukoll iżjed fil-fond dwar il-mod kif dan ir-rekwiżit għandu jiġi implimentat mill-Qorti tal-Maġistrati. Hekk per eżempju l-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Jesmond Pulis** deċiż nhar it-18 ta' Lulju 2017 fejn il-Qorti kienet qalet li huwa deżiderabbli li sabiex ikun sodisfatt il-vot tal-artikoli 392A u 519 tal-Kodiċi Kriminali, tiġi adottata proċedura li tassikura li l-imputat quddiemha jkun verament tqiegħed taħt il-protezzjoni li tagħtih il-Liġi. Tgħid hekk:

> Meta l-akkuzat jammetti fi stadju ikun xi jkun tal-proceduri u l-Qorti fattwalment tissospendi biex taghtih zmien jikkontempla sew dik id-dikjarazzjoni, u wara illi terga ssejjah il-kumpilazzjoni jew il-kawza, skond il-kaz, hija ghandha l-ewwel tistaqsih jekk inghatax zmien sufficjenti biex jikkontempla id-dikjarazzjoni tieghu; jekk fehemx l-imputazzjonijiet kollha u jekk jafx x'inhi il-piena ghall-kull wahda mill-imputazzjonijiet. Il-Qorti imbaghad timxi skond ir-risposta ghall-kull wahda minn dawn il-mistoqsijiet;

4. L-għan ta' din is-sentenza kien li jiġi żgurat li meta tiġi reġistrata ammissjoni, l-imputat ikun qiegħed jammetti għal dawk ir-reati li jkunu ġew kontestati lilu u li huwa jkun irid li jammetti għalihom u li fil-kontemp, meta huwa jagħmel dan, l-imputat ikun qiegħed jifhem eżattament il-konsegwenzi tad-deċiżjoni li jkun sejjer jieħu meta jirreġistra tali ammissjoni. Dan peress li ammissjoni ta' ħtija għal kommissjoni ta' reati kriminali inevitabbilment iġġib magħha konsegwenzi serji ħafna fuq il-ħajja ta' dik il-persuna u ta' dawk qrib tiegħu.

5. Huwa għalhekk li l-proċedura msemmija fl-artikolu 392A tal-Kodiċi Kriminali trid tiġi mwettqa skrupolożament. B'mod partikolari

[1] Enfasi ta' din il-Qorti.

(a) ir-rekwiżit tal-għoti ta' żmien raġjonevoli għar-rikonsiderazzjoni tad-deċiżjoni;
(b) l-obbligu tal-Qorti li tagħti t-twissija "b'mod l-aktar solenni" lill-imputat fuq il-konsegwenzi legali ta' dik id-deċiżjoni t'ammissjoni;
(c) kif ukoll il-mistoqsija li trid tagħmel il-Qorti lill-imputat - wara li jkun għadda dak iż-żmien mogħti għar-rikonsiderazzjoni tad-deċiżjoni tal-ammissjoni reġistrata ftit qabel - fejn il-Qorti terġa tistaqsi lill-imputat jekk hux se jżomm ma dik l-ammissjoni jew li jmur lura minnha

huma proċeduri li jridu jiġi mwetqa b'mod skrupluż u ma jammettu ebda eċċezzjoni.

6. Ikun biss wara li l-imputat ikun **reġa' tenna l-ammissjoni inkondizzjonata tiegħu** li l-Qorti tkun tista' mbagħad tgħaddi għas-sentenza. Jiġi ribadit li din mhix sempliċi formalita' iżda rekwiżit essenzjali fil-proċess penali peress li jassikura li l-imputat - qabel ma jibda jiskonta l-piena li l-Qorti imbagħad bilfors tkun trid timponi fuqu għar-reati li jkun ammetta għalihom - ikun deċiż f'dik l-ammissjoni tiegħu għaliex ġjaladarba dik l-ammissjoni tiġi mtennija din tiġi irreġistrata fl-atti tal-kawża skont l-Artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali u minn dak il-mument il-quddiem dik l-ammissjoni titqies bħala l-aqwa prova tal-ħtija tal-imputat għar-reati li jkun ġie mixli bihom.

7. L-effett legali ta' dik l-ammissjoni jġib miegħu is-sejbien ta' ħtija tal-imputat għal dawk ir-reati kollha li jkun ammetta għalihom inkondizzjonatament. F'każ fejn ma jkunx ammetta għall-imputazzjonijiet b'mod inkondizzjonat, il-Qorti tipproċedi biex tkompli għaddejja bis-smiegħ tal-kawża fir-rigward tar-reati jew addebiti kontestati. Iżda meta l-ammissjoni tkun reġistrata b'mod inkondizzjonat, l-ammissjoni reġistrata legalment titqies il-"prova reġina" tal-ħtija tal-imputat għar-reati u addebiti miġjuba kontrih – u li tagħhom ikun imbagħad soġġett għall-piena li l-Qorti tal-Maġistrati jkun jidhrilha xierqa li timponi f'dak il-każ partikolari. B'dik l-ammissjoni, meta reġistrata skont il-Liġi, l-imputat ikun qiegħed jirrikonoxxi li huwa jkun wettaq ir-reati kontestati lilu fl-att akkużatorju u fil-każ li jkun addebitat bir-reċidiva (jew ksur ta' ordni ta' probation, ksur ta' digriet konċedenti ħelsien mill-arrest, twettieq ta' reat fil-perjodu operattiv ta' sentenza ta' priġunerija sospiża eċċetra) l-imputat ikun ukoll aċċetta u rrikonoxxa li meta wettaq ir-reati kontestati lilu, huwa kien, f'dak il-mument, qed iwettaq ir-reat kif

kwalifikat bl-addebitu tar-reċidiva, ksur ta' ordni ta' probation, eċċetra.

8. Bl-att tal-ammissjoni tiegħu l-imputat ikun qiegħed jeżenta lill-Prosekuzzjoni milli tressaq provi relattivi għall-fini ta' sejbien ta' ħtija tal-imputazzjonijiet jew addebitu kontestat lilu u dan peress li l-ammissjoni ħielsa imtennija tiegħu titqies li tkun prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li huwa jkun verament wettaq ir-reati u/jew l-addebiti skont kif ikunu ġew kontestati lilu.

9. Jekk l-imputat ikollu xi dubju jew ma jkunx konvint minn dak li jkun qed jiġi kontestat lilu, huwa ħieles li ma jammettix u l-każ ikompli bil-proċedura normali. Iżda ġaladarba l-imputat ikun liberament u bl-għarfien tan-natura tal-imputazzjonijiet u/jew l-addebitu tar-reċidiva u l-konsegwenzi naxxennti mill-ammissjoni, irreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet u/jew l-addebitu tar-reċidiva u din l-ammissjoni tkun ġiet imtennija, allura ftit hemm xi tgħid iżjed. Huwa jkun irrikonoxxa l-ħtija tiegħu u jkun irrikonoxxa wkoll li issa jkun irid joqgħod għall-piena skont il-Liġi.

10. Mill-banda l-oħra l-ammissjoni tal-imputat, anke jekk inkondizzjonata u mtennija wara li tkun maturata bit-twissija u d-dekors taż-żmien ta' riflessjoni, xorta waħda ma torbotx dejjem lill-Qorti tal-Maġistrati, għax skont l-artikolu 392A(3) tal-Kodiċi Kriminali:

> (3) Iżda, meta jkun hemm raġuni tajba biex wieħed jiddubita jekk ir-reat kienx ġie tassew magħmul, jew jekk l-akkużat hux ħati tar-reat, il-qorti għandha, għalkemm l-akkużat ikun stqarr li hu ħati, tordna li l-proċeduri jkomplu jitmexxew 'l quddiem, bħallikieku l-akkużat ma weġibx li hu ħati.

11. Iżda jekk ma jkunx hemm xi waħda minn dawn ir-raġunijiet li minħabba fihom il-Qorti tal-Maġistrati jkollha l-jedd li ma tistrieħx fuq l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat, l-Artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali huwa ċar in kwantu jqis bħala ammissjoni valida u reġistrabbli **<u>biss</u>** dik imtennija mill-imputat wara li tkun ġiet segwita l-proċedura spjegata iżjed il-fuq skont l-artikolu 392A(1) tal-Kodiċi Kriminali:

> Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (3) u minkejja kull dispożizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra, jekk l-akkużat **jibqa' jtenni fit-tweġiba tiegħu li hu ħati tar-reat li bih ikun akkużat, din it-tweġiba għandha tiġi rreġistrata,**[2] u il-Qorti bħala qorti ta' ġudikatura kriminali għandha tgħaddi 'l quddiem biex tagħti lill-akkużat dik is-sentenza

[2] L-Enfasi ta' din il-Qorti.

li għandha tingħata skont il-liġi kontra akkużat li jinsab ħati tar-reat u tordna li l-atti, flimkien ma' kopja tas-sentenza, jiġu mibgħuta lill-Avukat Ġenerali fi żmien sitt ijiem tax-xogħol.

12. Illi l-Liġi ma tippermettix lanqas l-iċken dubju dwar jekk l-imputat kienx effettivament deċiż fl-ammissjoni tiegħu jew le. Fil-każ li jkun hemm dubju dan irid jitqies li jmur kontra l-ammissjoni u mhux favur b'mod għalhekk li l-Qorti tkun trid tipproċedi bis-smiegħ tal-kawża. Fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Rainer Grima** deċiż fit-12 ta' Mejju 2014 intqal:

F'dawn ic-cirkostanzi ghalhekk din il-Qorti hi tal-fehma li, billi jidher li **l-element ta' volontarjeta` fl-ammissjoni ta' l-appellant**[3] kien xi ftit jew wisq nieqes, jew almenu ma kienx univoku kif forsi seta' jinftiehem dak il-hin jew mill-ufficjal prosekutur jew mill-ewwel Qorti, l-ewwel aggravju ta' l-appellant ghandu jigi milqugh. Jidher ghalhekk li din il-Qorti ghandha tannulla s-sentenza appellata minhabba difett serju fil-proceduri li wasslu biex l-ewwel Qorti ddikjarat u fehmet li l-appellant kien ammetta meta dan ma kienx il-kaz u liema difett seta' kien il-bazi ta' l-istess sentenza.

13. Inoltre, fl-eventwalita' li l-verbali tal-atti proċesswali ma jkunux jirriflettu li l-proċedura preskritta mill-Artikolu 392A(1) tal-Kodiċi Kriminali ġiet segwita ad unguem, il-pożizzjoni prevalenti hija li kwalunkwe sejbien ta' ħtija bażata fuq dik it-tip t'ammissjoni titqies li hija nulla u ma bħala tali la torbot u l-anqas tipproduċi effetti jew konsegwenzi. Il-ġurisprudenza tqis dan in-nuqqas bħala difett proċedurali serju u sostanzjali li jġib in-nullita' tas-sentenza kundannatorja bażata fuq ammissjoni difettuża. Fl-appelli kriminali **Il-Pulizija vs. Gary Grech u Dino Bonnici** tal-10 ta' Jannar 2003 kif **Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa** deċiż fis-17 ta' Lulju 2002 intqal:

Ma huwiex ghal kollox car jekk l-ewwel qorti ottemperatx ruhha ma' dak li jipprovdi s-subartikolu (1) tal-Artikolu (gdid) 392A (li ukoll gie fis-sehh fl-1 ta' Mejju, 2002). Skond din id-disposizzjoni l-ewwel qorti kellha tapplika l-Artikolu 453(1) tal-Kodici Kriminali, u cioe`, wara li l-imputat wiegeb li hu hati, l-ewwel qorti kellha twissih b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtih ftit ta' zmien biex, jekk irid, jerga' lura minnha; u biss wara li tistaqsieh it-tieni darba kellha l-ammissjoni tigi registrata. Dana kollu, naturalment, kellu jirrizulta mill-verbal ta' l-udjenza tas-16 ta' Gunju, 2002, cioe` l-verbal ta' l-udjenza li fiha sar l-interrogatorju skond l-Artikoli 390(1) u 392 tal-Kodici Kriminali. Fl-imsemmi verbal ma jirrisulta xejn minn dan, ghalkemm fis-sentenza appellata jinghad li saret kemm l-ewwel mistoqsija kif ukoll it-tieni mistoqsija, li l-imputat inghata zmien ghat-tieni risposta, u li l-Qorti spjegatlu l-akkuza. Din il-Qorti taghmilha cara li l-appellant mhux jilmenta, firrikors ta' appell tieghu, minn

[3] L-Enfasi ta' din il-Qorti.

xi nuqqas dwar il-procedura kif prevista fl-Artikolu 453(1). Dan il-punt qed jigi senjalat biss sabiex ghall-futur wiehed joqghod attent li tigi segwita skrupolosament il-procedura korretta fil-kaz ta' ammissjoni kif prevista fl-Artkolu 392A(1), u li jkun hemm indikazzjoni fl-atti, u preferibbilment fil-verbal ta' l-udjenza li fija jkun sar l-interrogatorju, li dik il-procedura giet fil-fatt segwita, u dan sabiex ma jinqalghux kumplikazzjonijiet inutili fi stadju ta' appell.

14. Il-kontenut tal-verbali tas-seduti huwa kruċjali biex wieħed jifhem sewwasew il-mod kif il-Qorti tkun ikkondući et il-proċedura quddiemha u jekk u safejn dik il-Qorti tkun osservat ir-rekwiżiti proċedurali meħtieġa in kwantu dan il-kontenut tal-verbali huwa evidenza ta' dak li jkun seħħ quddiem il-Qorti f'dak il-mument partikolari. B'hekk f'ċirkostanzi fejn l-imputat ikun irid jirreġistra ammissjoni, il-preċiżjoni u d-dettal fil-verbali tal-udjenza jassumu importanza kruċjali. Din il-Qorti tifhem li għal raġunijiet ta' prattiċita' u sforz tal-kwantita' kbira ta' każijiet li l-Qrati tal-Maġistrati jridu jittrattaw, mhux dejjem ikun prattikabbli għal dawk il-Qrati li fil-verbali tas-seduti jniżżlu kelma b'kelma dak li jkun seħħ fl-Awla. Dan pero, jista' jkollu konsegwenzi serji fuq il-proċeduri kondotti quddiemhom. Għalkemm hemm aspetti tal-proċedura li ma hemmx għalfejn ikunu verbalizzati b'mod dettaljat ħafna, hemm oħrajn pero, bħal fil-każ t'ammissjoni inkondizzjonata, li jeħtieġu li jkunu magħmula b'reqqa kbira. Dan b'mod partikolari f'dawk il-każijiet li jkunu jaqgħu fil-kompetenza estiża tal-Qrati tal-Maġistrati, fejn il-pieni jistgħu jlaħqu sa' massimu ta' tnax il-sena priġunerija. Dan il-ħsieb jirrifletti wkoll dak mistqarr fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Martin J. Camilleri** tal-20 ta' Jannar 1995,[4] fejn intqal:

> Dwar l-effett ta' ammissjoni fuq l-appell tal-persuna misjuba hatja din il-Qorti (jew ahjar, il-Qorti Kriminali li allura kienet tisma' l-appelli mid-decizjonijiet tal-Qorti tal-Magistrati tal-Pulizija Gudizzjarja) diga` kellha l-opportunita` li tippronunzja ruhha fissentenza tagha tas-27 ta' Ottubru, 1962 fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs George Cassar Desain (Kollez. Deciz. XLVI.IV.911). F'dik is-sentenza gie ritenut, mill-kompjant Imhallef William Harding, fuq l-iskorta ta' gurisprudenza kemm Ingliza kif ukoll lokali, li fuq ammissjoni ta' l-imputat Qorti ma tistax hlief tghaddi ghall-kundanna tieghu ammenokke` ma jirrizultax li l-imputat ma jkunx fehem in-natura ta' l-imputazzjoni jew li ma kinitx l-intenzjoni tieghu li jammetti li hu hati ta' dik l-imputazzjoni jew li fuq il-fatti minnu ammessi l-Qorti ma setghetx skond il-ligi, tikkundannah, cjoe` ssibu hati ta' reat. Aktar recentement, fis-sentenza ta' din il-Qorti (diversament ippresjeduta) tat-28 ta' April, 1993 fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Mohnani, fejn il-kwistjoni kienet simili ghal dik odjerna, intqal li 'din il-Qorti ma tistax thares b'leggerezza ghal verbali ta' Qorti ohra fis-sens illi dawn ghandhom jaghmlu stat fil-konfront tal-partijiet almenu prima facie sakemm ma jirrizultax evidenti li tnizzel xi haga bi zball'. Dan qed jinghad biex hadd ma jifforma l-idea zbaljata li wiehed jista' l-ewwel jammetti quddiem il-Qorti Inferjuri u wara, fuq

[4] Ara kawża Rainer fejn saret referenza għal din is-sentenza.

ripensament, jappella billi jallega li hu ammetta bi zball jew li ma kienx jaf ghal x'hiex qed jammetti.

15. Issa f'dan il-każ jirriżulta li wara l-qari tal-imputazzjonijiet u fl-istadju tal-eżami l-appellanta kienet iddikjara ruħha mhux ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontriha.[5] Il-Qorti tal-Maġistrati proċediet biex tisma' l-provi tal-Prosekuzzjoni. Dan il-proċess baqa' għaddej sas-seduta tat-22 ta' Jannar 2020 fejn il-Prosekuzzjoni iddikjarat li ma kienx fadlilha iżjed provi u l-Qorti ddiferiet il-kawża għall-provi tad-Difiża għas-seduta tat-28 ta' Frar 2020.[6] F'din is-seduta tat-28 ta' Frar 2020 id-Difiża talbet li jsir Social Inquiry Report fuq l-imputata u l-Qorti laqgħet it-talba.[7] Iżda laħaq daħlet il-pandemija COVID u s-seduti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati ġew differiti għal tliet darbiet wara li kien ġie ordnat l-egħluq tal-Qrati mis-Superintendent tas-Saħħa Pubblika.

16. Wara l-ftugħ mill-ġdid tal-Qrati, fis-seduta tas-7 ta' Lulju 2020, wara li xehdet l-Uffiċjal tal-Probation Charlotte Fabri, l-imputata appellanta ddikjarat li ma kellhiex provi u irreġistrat ammissjoni. Il-verbal ma jsemmi ebda kundizzjoni marbuta ma' din l-ammissjoni biex b'hekk din il-Qorti tifhem li din kienet ammissjoni inkondizzjonata. Fl-istess seduta d-Difiża talbet li jsir pre-sentencing report.[8] Il-kawża ġiet imbagħad differita għat-23 ta' Settembru, 2020 f'liema data l-Qorti kien jeħtieġilha iktar ħmien għas-sentenza u għalhekk iddifferiet il-kawża għat-30 ta' Settembru 2020.[9] Fit-30 ta' Settembru 2020 imbagħad, il-kawża reġgħet ġiet differita, din id-darba għat-30 ta' Ottubru 2020[10] f'liema seduta d-Difiża għamlet is-sottomissjonijiet ulterjuri tagħha u l-kawża ġiet differita **<u>għas-sentenza għall-25 ta' Novembru 2020.[11]</u>**

17. Fis-seduta tal-25 ta' Novembru 2020, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) reġgħet iddifferiet il-kawża, din id-darba għad-data tal-20 ta' Jannar 2021.[12] Fis-seduta ta' nhar l-20 ta' Jannar 2021 ingħatat sentenza fil-konfront tal-appellanta CAMILLERI.[13]

---

[5] Ara l-verbal tas-seduta tad-29 ta' Mejju 2019.
[6] Ara l-verbal tas-seduta a fol 158.
[7] Ara l-verbal a fol 168.
[8] Ara l-verbal a fol 174.
[9] Ara l-verbal a fol 208.
[10] Ara l-verbal a fol 211.
[11] Ara l-verbal a fol 212.
[12] Ara l-verbal a fol 215.
[13] Ara l-verbal a fol 216.

18. Minn dawn il-verbali jirriżulta li għalkemm fil-bidu tal-proċeduri l-appellanta kkontestat l-imputazzjonijiet miġjuba kontriha, iżjed tard pero ddeċidiet li tirreġistra ammissjoni għall-istess imputazzjonijiet, li, mill-verbal tas-seduta a fol 174 ma jirriżultax li kienet waħda kundizzjonata. Iżda fl-istess verbal tas-seduta ma hemmx indikat jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienetx imxiet skont dak rikjest mill-artikolu 392A(1) tal-Kodiċi Kriminali. Kull ma jingħad fil-verbal huwa li : "Fdan l-istadju l-imputata rregistrat ammissjoni".

19. Jista' jkun – u probabbilment li hekk sar – li l-Qorti kienet segwiet il-proċedura msemmija fl-artikolu 392A tal-Kodiċi Kriminali. Iżda din il-Qorti ma tistax timxi fuq dak li possibilment jew probabbilment setgħa ġara matul dik is-seduta. Din il-Qorti, bħala Qorti ta' Ġustizzja Kriminali, u bħala Qorti tat-tieni grad, ma tistax tassumi li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) mxiet ad unguem ma dak imsemmi fl-artikolu 392A(1) tal-Kodiċi Kriminali meta mill-atti ma jirriżulta xejn miktub li dan fil-fatt seħħ.

20. Mill-banda l-oħra l-anqas ma jirriżulta li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienet ħadet xi deċiżjoni li ma toqgħodx ma dik l-ammissjoni skont dak mistqarr mill-artikolu 392A(3) tal-Kodiċi Kriminali. Apparti li fil-verbal ma jingħad xejn dwar dan, jirriżulta pero li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta), għal xi raġuni jew oħra, donnha kienet jew insiet jew warbet fil-ġenb l-ammissjoni li kienet reġistrata mill-imputata appellanta fis-seduta tas-7 ta' Lulju 2020. Issa l-biċċa hi li dik il-Qorti setgħet kienet fis-sewwa li twarrab l-ammissjoni jekk kien jirriżultawlha raġunijiet tajbin biex tagħmel dan. Iżda almenu kellha tindika fil-verbali tas-seduti tagħha li kienet qegħda twarrab l-ammissjoni reġistrata mill-imputata u r-raġuni għaliex tkun waslet għal dik il-konklużjoni.

21. Mill-banda l-oħra jekk dan ma kienx il-każ, allura tibqa' l-mistoqsija jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) konfrontata bl-ammissjoni tal-imputata, mxietx ad unguem mar-rekwiżiti tal-artikolu 392A tal-Kodiċi Kriminali – ħaġa li mill-istat tal-atti, kif intqal, ma tirriżultax.

22. Iżda l-evidenza li għandha quddiemha din il-Qorti hija li mis-sentenza appellata innifisha jirriżulta li meta l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) għaddiet sabiex tagħti dik is-sentenza kontra l-appellanta, lanqas qieset li l-appellanta kienet irreġistrat ammissjoni fis-seduta ta' nhar is-7 ta' Lulju 2020. Li kieku straħet fuq dik l-ammissjoni (inkondizzjonata) tal-imputata appellanta, il-Qorti tal-Maġistrati

(Malta) kienet tkun marbuta li ssib il-ħtija fl-imputata appellanta għall-imputazzjonijiet kollha li għalihom kienet irreġistrat l-ammissjoni inkondizzjonata tagħha. Iżda f'dan il-każ ġara li, minkejja l-ammissjoni tal-imputata appellanta tas-7 ta' Lulju 2020, minflok għaddiet sabiex issib lill-appellanta ħatja tal-imputazzjonijet kollha miġjuba kontra tagħha, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illiberat lill-appellanta mill-ewwel imputazzjoni (truffa a dannu ta' Mcabs Limited u/jew James Marshall) u mit-tielet imputazzjoni (Pussess jew kontroll t'oġġett għall-użu jew fit-twettieq ta' frodi). Iżda meta għamlet dan il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) naqset milli tagħmel ukoll referenza għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 392A(3) tal-Kodiċi Kriminali li kienet jagħtu s-setgħa lill-Qorti li tipproċedi bis-smiegħ tal-kawża u tiddeċiedi skont il-każ, minkejja l-ammissjoni tal-imputat. Għaldaqstant din il-Qorti lanqas ma tista' tiddeduċi mis-sentenza li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet applikat l-Artikolu 392A(3) tal-Kodiċi Kriminali.

23. In oltre, mill-verbali tas-seduti li saru minn meta l-appellanta irreġistrat din l-ammissjoni tagħha 'il quddiem, lanqas qatt ma jirriżulta li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) segwiet id-dettami tal-Artikolu 392A(1) tal-Kodiċi Kriminali kif spjegat iżjed il-fuq.

24. Irid jingħad ukoll li f'dan il-każ l-ammissjoni kienet reġistrata fi stadju inoltrat tal-proċeduri. Is-sitwazzjoni maħluqa mill-COVID ma għenet xejn biex il-Qorti jkollha linearita fil-memorja tal-każ. Iżda jibqa' l-fatt li, minkejja d-diffikultajiet li wieħed jiltaqa' magħhom fl-iter proċesswali partikolari, jibqa' l-obbligu fuq il-Qorti tal-Maġistrati li tivverifika sewwa l-atti u l-istat tagħhom qabel tasal għall-konklużjoni tal-każ li jkollha quddiemha. Il-Qorti tal-Maġistrati trid tistrieħ biss fuq l-akkortezza tagħha, u tara li l-proċeduri jiġu segwiti kollha, ad unguem, u li dan il-fatt ikun reġistrat bil-miktub fil-verbali tas-seduti tagħha. Altrimenti, tista' tħalli lok lill-Prosekuzzjoni jew lid-Difiża skont il-każ, li jkunu jistgħu jikkapitalizzaw fuq fejn jitħalla d-dubju jew lok għall-interpretazzjoni dwar jekk proċedura tkunx ġiet segwita, jew tkunx ġiet segwita kif suppost, b'mod li jingħataw spazju għall-appell minħabba raġuni li twassal għan-nullita tas-sentenza jew tal-proċeduri fejn, bi ftit iżjed attenzjoni, dan setgħa jiġi evitat.

25. Magħdud dan kollu għalhekk, din il-Qorti tqis li l-appellanta għandha raġun fl-ewwel aggravju tagħha fir-rigward tan-nullita' tas-sentenza appellata in kwantu n-nuqqas ta' osservanza ta' dawn ir-rekwiżiti tissarraf f'difett proċedurali serju u sostanzjali li jrendu

kemm l-ammissjoni kif ukoll is-sentenza appellata inċerti u konsegwentement nulli.

# Deċide

Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi billi tannulla s-sentenza appellata u biex ma tipprivax lill-partijiet mill-benefiċċju tad-doppio esame, f'dan il-każ, qegħda tagħżel li tirrinvja l-atti proċesswali lill-Qorti tal-Maġistrati biex, prevja kwalunkwe dikjarazzjonijiet u twissijiet li jridu jsiru skont il-Liġi, tkun dik il-Qorti li terġa tiddeċiedi dan il-każ skont il-Liġi.

**Aaron M. Bugeja**
**Imħallef**